MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 463/2009

Korporazzjoni **Enemalta**

**Vs**

**Tal-General Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ipprezentat fit-22 ta' Gunju 2009 fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-kumpanija konvenuta ghandha thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' elf hames mija u sebgha u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1557.88) rapprezentanti danni kkagunati minnha f'taghmir tal-Korporazzjoni attrici nhar il-21 t'Awwissu 2006 fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 t'Ottubru 2007, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tad-danni u bil-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fit-3 ta' Settembru 2009 fejn ecceppiet illi:

Is-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghad-danni allegatament mgarrba mill-korporazzjoni attrici.

Konsegwentement, ma hemmx danni x'jigu likwidati favur il-korporazzjoni attrici.  Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-korporazzjoni attrici ghandha ggib il-prova skont il-ligi ta' quantum tad-danni minnha pretizi.

Inoltre, mhemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta' eccipjenti ghall-hlas tad-danni favur is-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-istess korporazzjoni attrici.

Ra x-xhieda ta' Ivan Vassallo;

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti;

Ra l-atti kollha tal-kawza inkluz n-nota ta' riduzzjoni pprezentata mill-korporazzjoni attrici fl-04 ta' Jannar, 2011 li biha rriduciet it-talba ghall-elf mija u ghoxrin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (Eur 1120.28c);

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru, 2013 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidera:**

Il-Korporazzjoni attrici issostni li hija s-socjeta’ konvenuta li hi responsabbli ghad-danni ghall-hsara kkaggonta minhabba x-xoghol tat-thaffir li kienet qieghda taghmel is-socjeta’ konvenuta fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta. Min-naha l-ohra is-socjeta’ konvenuta tikkontesta li hi kienet responsabbli.

Mix-xhieda prodotta mill-Korporazzjoni attrici, l-incident sehh nhar il-21 t’ Awwissu 2006, fit-Triq il-Kostituzzjoni, Mosta.

Jesmond Grech (foreman tal-Enemalta) iddikjara li kien hemm partijiet fil-Mosta minghajr dawl u kien ikkunttatjah il-Perit Stephen Buhagiar (tal-General) li kien infurmah li kien ntlaqat ‘*cable’* quddiem is-sub-station tal-Enemalta stess. Fuq il-post sab li kienu laqtu zewg cables bil- magna *Scarifier* – li huwa makkinarju li jqaxxar wicc it-triq. Fuq il-post kien hemm Carmel Spiteri li qallu li kienu laqtu il-*cable* w urihulhom.

Grech spjega li din is-sub-station hija wahda antika u ghandha xi ghoxrin cables hiergin minnha. *Rajt is-scarifier wieqfa u l-cables milqutin fuq is-substation ezatt.* Il-cables jkunu mqeghdin fuq xulxin ghaliex hemm *constraint ta’ spazju*. Fil-post kien hemm ukoll *warning slabs* li gew milqutin ukoll (ara dokumenti mmarkati JG1 sa JG5). Iddikjara jekk dan ix-xoghol sar bl-idejn dan it-tkissir ma kienx isir.

Charles Fenech (Principal Distribution Technical Officer) spjega l-procedura. Irrizulta illi is-soltu jircievu permess biex jkunu jistghu jhaffru mbaghad jibaghtu l-impjegat taghhom biex jimmarka il-*cables.* L-impjegat tal-Enemalta jaghmel il-marki necessarji u ikollu dokument li ghandu jigi ffirmat mill-foreman (ara dokument mmarkat CF1, a folio 26 tal-process). Dak inhar tal-incident il-foreman, Mario, rrifjuta li jiffirma d-dokument u lanqas assistih biex jimmarka il-cables. Dan gie ikkonfermat minn Ivan Vassallo li nforma it-Tribunal li hu jahdem min fuq pjanti u ghandu strument li jimmarka fejn qeghdin il-cables u mbaghad jimmarkhom huwa fuq l-art. Ikkonferma li ma jghidx kemm huma fil-fond il-cables.

Jacqueline Busuttil (Assistent Principal) li pprezentat fattur ezebita u mmarkata bhala dokument JB1, a folio 46 tal-process.

Is-socjeta’ konvenuta pproduciet lil **Perit Stephen Buhagiar** li kien jahdem bhala perit ma’ Tal-General. U dak iz-zmien kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta’ refurbishment fil-Pjazza tal-Mosta. Biex jaghmlu dan ix-xoghol peress illi jkunu ghaddejjin is-servizzi, tal-Enemalta, tal-Water Services u ohrajn, jkollhom jaghmlu applikazzjonijiet mal-entitatjiet koncernati. Fil-kaz tal-Enemalta kienu baghtu l-impjegat taghhom biex jimmarka il-cables, jimmarkaw biz-zebgha mal-art minn fejn kienu ghadejjin il-*cables* tad-dawl ezistenti fuq is-sit, ma jindikax il-fond pero’ dan jaghmlu verbalment. Huma f’dan il-kaz kien qalhom li kien fond normali. F’kaz fejn jkun mal-wicc tat-triq huma jghidulhom biex jkunu aktar kawti. Hadd ma kien ndikalhom li kien f’wicc it-triq u ghalhekk uzaw *scarifieir* biex jaghmlu ix-xoghol ghaliex huma kienu qeghdin ibaxxu il-livell tat-triq aktar minn tliet centimetri (3cm). Il-cable kien fil-wicc u ntlaqat mill-*iscarifier* (ara d-dokumenti mmarkati SB1, SB2, SC1 u SC2. Ara ukoll d-dokument mmarkat SB3 fejn jindika li l-calbles kienu ghaxar centimetri (10cm) fond).

**Charles Fenech** sostna illi meta jaghmlu il-markings fuq it-triq il-kuntrattur ma jistax juza ingenji izda jrid jahdem bl-idejn (Ara xhieda a folio 64 tal-process). Indika ukoll illi peress illi kien hemm sub-station kien hemm hafna cables: il-cable li ntlaqat kien f’livel tajjeb (ara ukoll ritratti esebiti). Dan jikkontrasta ma dak li ntqal mill-Perit li qal li l-EneMalta kienu qalulhom li l-*cables* kienu fond normali li ghalihom ifisser zewg piedi u nofs minn wicc it-triq.

**Jesmond Grech** fil-kontro-ezami qal li l-cables kienu madwar pied fil-fond tat-triq. L-*iscarifier* infatti iqaxxar pied.

It-Tribunal f’din il-kawza jrid jikkonsidra l-provi li gew prezentati lilu a bazi tal-principju “*ei incumbit probatio qui dicit non e qui negat*”. Ghalhekk jinkombi fuq is-socjeta’ attrici li ggib prova fuq bilanc ta’ probabiltajiet ta’ dak li qieghda tallega fl-avviz taghha.

Illi johrog mill-evidenza illi m’hemmx kontestazzjoni illi:

~ ntlaqat *cable* tad-dawl; u

- li dan ntlaqat mis-socjeta' konvenuta waqt li kienet qieghda taghmel xoghol tal-iskavar bl-iscarifier; u
- li l-impjegat tal-Enemalta kien ghamel il-*marking*s biz-zebgha biex jindinkaw minn fejn kienu ghadejjin il-*cables*;
- ntlaqtu ukoll il-warning slabs.

Il-pern tal-kwistjoni, allura, huwa dwar il-htija ghal-hsara lil dawn il-*cables*, ghaliex ghalkemm is-socjeta' konvenuta ammettiet li l-impjegati taghha laqtu *cable*: il-*cable* kien fil-wicc tat-triq u li l-impjegat kellu almenu jindika li l-fond kien wiehed superficjali. Jidher illi, pero', meta mar l-impjegat tal-Enemalta tkellem mal-impjegati u sahansitra tahom dokument biex jiffirmaw – id-dokument ma indikax il-fond – donnu hadd ma ried jiehu ir-responsabilta' u hadd ma ried jiffirmalu. Il-kontenzjoni tal-Enemalta kien illi jekk jimmarkaw post huma qeghdin jindikaw illi il-kuntrattur ghandu joqghod attent u ghalhekk m'ghandux juza ingenji imma jahdem bl-idejn. Filwqat li s-socjeta konvenuta tghid illi l-haddiem kellu jindika l-fond ta' dawn il-cables u mhux biss fejn kienu.

It-Tribunal, ghalhekk, ghandu jikkunsidra jekk (fuq bilanc ta' probabilitajiet) id-danni reklamati mill-Korporazzjoni attrici kienu konsegwenza diretta w immedjata tal-agir tas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk iried jigi ppruvat ness kazwali bejn il-kondotta tas-socjeta' konvenuta u d-danni kawzati. Skont il-principju li kull persuna trid thallas ghal-hsara li tigri bil-htija taghha (artikolu 1031 tal-Kodici Civili) ghall-iskop tal-htija, dan in-ness kawzali jrid bilfors jkollu rabta mal-agir kopluz.

Huwa fatt accettat fil-gurisprudenza li l-appaltatur (bhal m'hija f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta) ghandu l-obbligu jezegwixxi xoghlu sew u li x-xoghol li ser jaghmel ikun skont is-sengha w l-arti u jrid jippresta kapacita' ordinarja: *"l'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera comessagli second dettami dell'arte sua e deve prestare almeno un capacita ordinaria"* (volum XXVII PI p.373). Ghalhekk "*huwa ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu u din il-garanzija hi implicita tant li huwa tenut anke* <u>*ghal-kolpa lievi*</u>*"*[1] (volum XLI PI p 667). [2]

---

[1] Enfazi mizjuda

[2] Ara wkoll sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 t'Ottubru 2004, u s-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet "Go plc v Richard Cachia" deciza 12 ta' Jannar 2011.

Ghalhekk kuntrattur ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex jkun jista' jaghmel ix-xoghol tieghu w jaghmlu sew[3].

Illi fit-talba odjerna, bhalma huwa l-prassi f'dan it-tip ta' xoghol, qabel ma bdiet ix-xoghol ta' thaffir, il-Korporazzjoni attrici ghamlet *markings biz-zebgha* biex turi fejn kienu ghaddejin il-*cables* in kwistjoni (Ma jidhirx li bhala prassi jinghataw pjanti u lanqas ma jigi dikjarat il-fond). Fil-kaz odjern l-impjegat tal-Enemalta (ossia il-*cable detector)* kellu preparat formola ghas-socjeta' konvenut ghal konferma li hu kien indika min fejn kienu ghadejjin il-cables[4]. F'dan il-kaz ma kienx hemm kontestazzjoni li dawn il-markings ma kienux tajbin, id-difiza tas-socjeta' konvenuta hija li l-*cables* (li kienu hafna ghaliex dan kien quddiem sub-satation) kienu wisq qrib wicc it-triq u dan kellu jigi ndikat mill-Korporazzjoni attrici li anzi kienu indikaw (skont is-socjeta konvenuta) illi l-cables kienu go fond normali[5].

It-Tribunal ma jaqbilx mat-tezi tas-socjeta' konvenuta u jhoss illi l-Korporazzjoni attrici ghamlet id-dover taghha w immarkat minn fejn kienu ghadejjin il-cables u ghalhekk dan fih innifsu kellu jkun ta' sinjal illi l-kuntrattur kellu joqghod attent. "*Jiena ghidtilhom li hemm il-cables fejn qed nimmarka biz-zebgha biex joqghodu attenti biex ma jolqtuhomx meta jkunu qed jhaffru ....*"[6] Ivan Vassallo, stess, indika li hadd ma ried jiffirmalu l-formola.

Fil-fehma tat-Tribunal, il-kuntrattur kien jaf li qieghed ihaffer quddiem sub- station, ghalhekk sit aktar sensitiv, u kien jaf ezatt il-punt minn fejn kienu ghadejjin il-cables ghaliex gie mmarkat u anke kien hemm warning slabs li gew miksura[7]. L-espert f'dan il-kaz huwa l-kuntrattur li ghandu jimxi skont is-sengha u l-arti. F'dan il-kaz, anke jekk hemm struzzjonijiet lilu mghotija li ma kienux cari xorta wahda huwa ghandu l-obbligu li jahmel xogholu sew.

---

[3] Ara wkoll is-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet "Anthony Ventura noe vs Raymond Galea et" deciza nhar il-31 ta' Lulju 1996.

[4] Ara dokument mmarkat CF1

[5] Ara ix-xhieda tal-Perit Buhagiar, a folio 56, li qal li dawn kienu inqas minn sitta u ghoxrin centimetru (26cm) mill-wicc. Fond normali skont il-Perit huwa zewg piedi u nofs.

[6] Xhieda ta' Ivan Vassallo a folio 17 tal-process.

[7] Xhieda ta' Jesmond Grech a folio 30.

Ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li l- Korporazzjoni attrici esegwixxiet d-dover taghha li tipprova l-kaz fuq bilanc ta’ probabilitajiet il-htija kolpuza tas-socjeta kovenuta. Fir-rigward tad-danni riklamati t-Tribunal josserva ukoll illi l-Korporazzjoni attrici gabet il-provi necessarji in sostenn tal-kwantum li ma giex ikkontestat. Ghalhekk it-Tribunal jista’ jistrieh fuq tali prova.

**Decizjoni:-**

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt li jilqa’ t-talbiet attrici kif ridotti bin-nota ta’ riduzzjoni datata nhar l-04 ta’ Jannar, 2011, jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u dan bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kollha jigu sopportati mis-socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------